# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 514/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Josric Mifsud)**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Maverick Azzopardi**
**(K.I. 530396M)**

**Illum, 06 ta' Novembru, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Maverick Azzopardi** ta' 19-il sena, iben Raymond u Maria Concetta nee' Ellul, imwieled il-Pietà nhar l-24 ta' Diċembru 1996, u residenti fil-fond numru 68, Clover Hill Penthouse, Triq l-Imriekeb, Marsaskala, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 530396M fejn huwa ġie akkużat:

> Talli nhar it-23 ta' Ġunju 2015, ġewwa Triq il-Lampuki, Marsaskala, għall-ħabta ta' bejn is-siegħa u nofs (13.30hrs) u s-sagħtejn (14:00hrs) ta wara nofsinhar:-

1. Ikkommetta offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gerson Portelli billi xejjer daqqiet b'istrument li jaqta' u bil-ponta, fejn laqat lill-imsemmi Portelli fil-wiċċ, widnejħ u idejħ;

2. Kif ukoll talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, żamm u ġarr strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissajru tal-Pulizija;

3. U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna ta' Gerson Portelli kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. Talli ġewwa Marsascala u bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer nhar it-23 ta' Ġunju 2015 u sena qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;

5. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;

Il-Qorti kienet mitluba toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawza kontra Maverick Azzopardi a benefiċċju ta' Gerson Portelli u l-familja tiegħu u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitlub wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi nhar is-07 ta' Jannar 2022, l-Avukat Ġenerali bgħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

a. fl-artikoli 27, 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(ċ)(d)(2) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. fl-artikoli 6 u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

c. fl-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. fl-artikoli 7,8,11,14,16,17, 19, 22, 23 u 27 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

e. fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

f. fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Jannar 2022, l-istess Maverick Azzopardi ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat li l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Smegħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti tal-każ jirrigwardjaw allegat inċident li seħħ nhar it-23 ta' Ġunju 2015 ġewwa Triq il-lampuki, Marsaskala. Jirriżulta illi dakinhar l-akkużat mar fir-residenza tal-parte ċivile u fuq persuntu kellu sikkina. Huma ġew fl-idejn u l-akkużat laqat lill-parte ċivile f'widnejħ bis-sikkina bil-konsegwenza li ċċarratlu parti minnha. Jidher li lejliet l-inċident, l-akkużat u l-parte ċivile kellhom argument kemm verbali kif ukoll fuq il-media soċjali peress li l-akkużat kellu jagħti €10 lill-parte ċivile. L-akkużat telaq mid-dar tiegħu u mar direttament id-dar tal-parte ċivile u l-inċident *de quo* seħħ propju fuq l-għatba tad-dar tal-parte ċivile.

Illi meta marru fuq il-post, ċioè Portelli Flat 4, Triq il-Lampuka, Marsascala WPS15 Caroline Camilleri[1] u PC1489 Jason Attard[2] qalu li sabu l-bieb tal-komun miftuħ u l-parte ċivile kien nieżel it-taraġ tal-komun b'xugaman ma widnejħ minn fejn kien jidher li hemm ftit demm. Qalilhom li kellu argument ma' Maverick Azzopardi fil-komun ta' dak il-blokk. Qalilhom fejn kien joqgħod Maverick Azzopardi u sussegwentement il-Pulizija marru d-dar tiegħu, fejn sabu lill-akkużat jilgħab bil-*playstation*. Hu spjegalhom li kellhom argument bl-idejn fil-komun tal-blokka ta' fejn joqgħod il-parte ċivile u li l-parte ċivile taħ daqqa ta' xkupa u saħansitra qasam il-lasta tal-ixkupa fuqu. Intant, il-parte ċivile mar l-Isptar Mater Dei permezz tal-Ambulanza.

[1] Ara x-xhieda mogħtija nhar il-5 ta' Novembru 2015 a fol. 82 tal-atti proċesswali kif ukoll dik mogħtija fit-8 ta' April 2016, a fol. 230 tal-atti proċesswali.
[2] Ara x-xhieda mogħtija nhar il-5 ta' Novembru 2015 a fol. 85 tal-atti proċesswali.

Illi l-parte ċivile Gerson Portelli xehed[3] illi hu l-akkużat kellhom argument fuq xi ħaġa żgħira fuq Messenger madwar nofs siegħa qabel l-inċident. L-akkużat mar għaliħ id-dar. Il-parte ċivile, li jgħix f'appartament, niżel jiftaħ il-bieb ta' barra tal-komun meta l-akkużat, mingħajr kliem, ħebb għaliħ b'sikkina, li kien diġa' qed iżommha b'idu. L-akkużat għolla idu u l-parte ċivile żammhielu biex jiddefendi ruħu. Imbagħad ġew fl-idejn u l-akkużat beda jolqtu bil-manku tas-sikkina f'diversi postijiet f'wiċċu u widnejħ. Biex jiddefendi ruħu u qabad lasta ta' xkupa u beda jagħti lill-akkużat biha.

Xehdet Graziella Portelli,[4] omm il-parte ċivile, fejn qalet illi hi kienet fl-appartament tagħhom meta semgħat ħafna storbju, ossija argument, ġej mill-komun tal-blokka u rat lill-parte ċivile bid-demm ma wiċċu. Hi ċemplet lill-pulizija u lill-emerġenza. Qalet li ħaduħ l-isptar u kellu bżonn xi punti f'widnejħ. Qalet li għalkemm il-parte ċivile qalilha li kellu xi jgħid ma Maverick Azzopardi, hi ma ratux hemmhekk għax kien laħaq telaq min fuq il-post meta ndunat b'dan l-għajjat.

Illi t-tabib Dr. Trevor Tabone kkonferma[5] ċ-ċertifikat mediku minnu maħruġ fir-rigward tal-parte ċivile Gerson Portelli fit-23 ta' Ġunju 2015.[6] Hu kkonferma li eżamina lill-parte ċivile fl-ENT Ward fl-isptar Mater Dei u hemm sab li kellu ferita fuq il-widna tax-xellug ta' madwar ċentimetru u kellu bżonn ħames punti. Hu ċċertifika din il-ferita bħala ħafifa. Dr Carlo Refalo xehed[7] illi hu ra lill-parte ċivile fl-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei. Hu kkonferma ċ-ċerifikat mediku minnu maħruġ fit-23 ta' Ġunju 2015[8] fejn ikklassifika dawn il-ġrieħi bħala "slight save complications".

---

[3] Ara x-xhieda mogħtija minnu fit-3 ta' Diċembru 2021, a fol. 470 tal-atti proċesswali.
[4] Ara x-xhieda mogħtija nhar il-15 ta' Diċembru 2015 a fol. 140 tal-atti proċesswali.
[5] Ara x-xhieda mogħtija nhar il-15 ta' Diċembru 2015 a fol. 135 tal-atti proċesswali.
[6] Ara Dok CC1 a fol. 80 tal-Atti proċesswali.
[7] Ara x-xhieda mogħtija nhar il-21 ta' Jannar 2016 a fol. 160 tal-atti proċesswali.
[8] Ara dok JM1 a fol. 33 tal-atti proċesswali.

It-tabib Dr Etienne Muscat xehed[9] illi fit-30 ta' Ġunju 2015 hu kien eżamina lill-parte ċivile u rrilaxxa ċertifikat mediku[10] minn fejn jirriżulta illi l-parte ċivile kien qed isofri minn *acute stress disorder*.

It-tabib Dr. Mark Brincat xehed illi[11] huwa eżamina lill-akkużat fil-poliklinika ta' Raħal Ġdid fit-23 ta' Ġunju 2015 u sab li kellu tbenġila ta' dijametru ta' żewġ ċentimetri fid-driegħ tax-xellug, u tliet barxiet oħra superfiċjali fl-istess driegħ. Hu klassifikhom bħala ġrieħi ta' natura ħafifa. Hu kkonferma ċ-ċertifikat mediku maħruġ minnu.[12]

It-tabib forensiku Dr Mario Scerri xehed[13] illi hu eżamina kemm lill-akkużat kif ukoll lill-parte ċivile. Qal li t-tnejn li huma kellhom xi leżjonijiet u li l-ġerħa li ġarrab il-parte ċivile fil-widna tista' tibqa' bħala marka permanenti. Il-leżjonijiet li ġarrab Mark Camilleri, min-naħa l-oħra, kienu ta' natura ħafifa. Illi mir-rapport minnu ppreżentat[14] jirriżulta illi l-leżjonijiet huma kollha ta' natura ħafifa. Meta reġa' xehed[15] qal li hu reġa eżamina lill-parte ċivile u jidher li l-laċerazzjoni qed tfieq bil-formazzjoni ta' ċikatriċi u llum tidher *from within talking distance*. Għalkemm effetti permanenti ma hemmx, estetikament tidher.

Illi l-ispiżjar Godwin Sammut xehed[16] illi mill-analiżi li hu għamel fuq sustanzi mogħtija lilu minn PS1392 Kevin Buħagiar fit-2 ta' Lulju 2015, irriżulta li kien hemm żewġ joints li rriżulta pożittivi għal traċċi ta' kokaina u li kien hemm crusher li rriżulta pożittiva għal Tetrahydrocannabiol. Hu ppreżenta r-rapport tiegħu[17]

---

[9] Ara x-xhieda mogħtija nhar il-21 ta' Jannar 2016 a fol. 157 tal-atti proċesswali.
[10] Ara fol. 37 tal-atti proċesswali.
[11] Ara x-xhieda mogħtija nhar it-30 ta' Ġunju 2016 a fol. 247 tal-atti proċesswali.
[12] Ara Dok CC2 a fol. 81 tal-atti proċesswali.
[13] Ara x-xhieda mogħtija nhar is-26 ta' Frar 2016 a fol. 168 tal-atti proċesswali.
[14] Ara dok "MS1" a fol. 170 tal-atti proċesswali.
[15] Ara x-xhieda mogħtija fl-20 ta' Mejju 2016, a fol. 235 tal-atti proċesswali.
[16] Ara x-xhieda mogħtija nhar is-26 ta' Frar 2016 a fol. 203 tal-atti proċesswali.
[17] Ara Dok "GS1" af fol. 205 tal-atti proċesswali.

Illi Dr. Marisa Cassar xehdet[18] illi hija eżaminat kemm is-sikkina kif ukoll il-lasta ta' xkupa li kienu użati f'dan l-inċident. Qalet li ma sabitx traċċi ta demm fuq is-sikkina iżda sabet traċċi ta demm ta żewġt irġiel fuq il-lasta tal-ixkupa. Hi ppreżentat ukoll ir-rapport tagħha.[19] minn fejn jirriżulta illi l-kampjuni ta' demm huma ta' żewġt irġiel differenti. Fil-21 ta' Jannar 2016,[20] hija ħadet kampjun ta' demm kemm tal-akkużat kif ukoll tal-parte ċivile u fl-20 ta' Mejju 2016 xehdet[21] illi t-traċċi ta' demm misjuba fuq il-lasta tal-ixkupa huma ta' l-akkużat u tal-parte ċivile. Hija preżentat ir-rapport tagħha f'dan ir-rigward.

Illi PC175 Antonello Magri xehed[22] u kkonferma illi l-akkużat m'għandu ebda arma reġistrata mal-pulizija fuq ismu.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel akkuża indikata mill-prosekuzzjoni u mill-Avukat Ġenerali hija dik ta' twettiq ta' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gerson Portelli;

Illi mix-xhieda prodotta, senjatament miċ-ċertifikati maħruġa u kkonfermati minn Dr. Trevor Tabone u Dr. Carlo Refalo jirriżulta illi l-parte ċivile sofra ġrieħi ta' natura ħafifa. Mir-rapport tat-tabib forensiku Dr. Mario Scerri, min-naħa l-oħra, jirriżulta illi l-laċerazzjoni sofferta ifformat ċikatriċi fil-widna x-xellugija u llum-il ġurnata tidher '*from within talking distance'*.

Illi dwar id-deċiżjoni jekk offiża hijiex ta' natura gravi jew ta' natura ħafif, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi**[23] fejn ġie ritenut illi:

> *"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda* <u>*ta' fatt*</u> *u ghalhekk rimessa*

[18] Ara x-xhieda mogħtija nhar il-15 ta' Diċembru 2015 a fol. 146 tal-atti proċesswali.
[19] Ara Dok MC1 a fol. 148 tal-atti proċesswali..
[20] Ara l-verbal tal-21 ta' Jannar 2016, a fol. 155 tal-atti proċesswali.
[21] Ara x-xhieda mogħtija nhar il-20 ta' Mejju 2016, a fol. 238 tal-atti proċesswali.
[22] Ara x-xhieda mogħtija nhar il-15 ta' Diċembru 2015 a fol. 138 tal-atti proċesswali.
[23] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 30 ta' Lulju 2004.

> *ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl talprovi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza"*

Illi l-parte ċivile xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta u b'hekk il-Qorti kellha l-opportunità li tara hi stess, snin wara l-allegat inċident, l-effetti tal-ġerħa sofferta minnu fuq il-widna xellugija. Illi għalkemm dak li rriskontra Dr. Mario Scerri, ossija li hemm ċikatriċi f'din il-widna huwa minnu, fil-fehma tal-Qorti din iċ-ċikatriċi ma tbiddel xejn mill-armonija tal-lineament tal-widna u b'hekk ma tqisx illi hija gravi tali li tammonta għal xi difett f'parti tal-għamla tal-widna. Di più ma jirriżultax li qatt kien hemm periklu li din id-diżarmonija sseħħ. B'hekk ma jirriżultawx l-estremi tal-Artikolu 216(1)(a)(ii)(iii) u (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif elenkati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu.

Di più, il-laċerazzjoni seħħet fil-widna x-xellugija tal-parte ċivile, liema laċerazzjoni la tammonta għal sfreġju fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn u lanqas tista' tiġi kkunsidrata li saret b'ferita li daħlet f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem tal-parte ċivile. Apparti dan, għalkemm saret prova permezz tax-xhieda ta' Dr Etienne Muscat illi l-parte ċivile kien qed isofri minn *acute stress disorder* b'kawża ta' dan l-inċident, ma tressqet ebda prova li l-gravità ta' din il-kondizzjoni hija tali li tammonta għal marda, imqar fuq bażi temporanja, tal-moħħ tal-parte ċivile. Lanqas ma tressqet il-prova li din il-ferita, jew li l-kondizzjoni msemmija ta' *acute stress disorder* damet għal żmien ta' tletin ġurnata jew iżjed jew illi żammew lill-parte ċivile milli jmur għax-xogħol tiegħu.

B'hekk lanqas ma jirriżultaw l-estremi tal-Artikolu 216(1)(b)(ċ) u (d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif kwotati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu.

Ikkonsidrat;

Illi madanakollu, jirriżulta lill-Qorti li bħala stat ta' fatt, il-parte ċivile sofra minn laċerazzjoni fil-widna x-xellugija kif ukoll grif fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċu, liema ġrieħi, in vista' tal-konsiderazzjonijet hawn fuq magħmulha, għandhom jiġu klassifikati bħala offiżi ħfief fuq il-persuna ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi stabbilita n-natura tal-ġrieħi sofferti, imiss li l-Qorti tistabbilixxi l-*modus* ta' kif dawn ġew ikkawżati.

Jirriżulta mix-xhieda tal-parte ċivile Gerson Portelli illi dakinhar tal-inċident, l-akkużat mar iħabbattlu l-bieb tal-blokka tal-appartamenti, Portelli fetaħ u l-alterkazzjoni seħħet fid-daħla tal-komun tal-blokka tal-flats. Il-parte ċivile jgħid li kellhom xi jgħidu u l-akkużat ħebb għaliħ bil-konsegwenza li seħħew l-imsemmija ġrieħi. Jirriżulta wkoll li l-parte ċivile qasam lasta ta' xkupa fuq persunt' l-akkużat b'reazzjoni għal din l-alterkazzjoni. Mill-analiżi tad-DNA fuq it-traċċi tad-demm li nstabu fuq il-lasta maqsuma tal-ixkupa li, skond ir-ritratti meħuda mis-Scene of Crime Officers, kienet fuq il-post ta' fejn seħħet l-alterkazzjoni, jirriżulta ċar li d-demm kien kemm tal-parte ċivile kif ukoll tal-akkużat. Dan ipoġġi lill-akkużat fuq il-lok fejn seħħ dan id-delitt u huwa konformi mal-bqija tal-provi prodotti.

Illi l-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita mill-verżjoni mogħtija mill-parte ċivile u b'hekk issib li dawn il-ġrieħi ġew ikkawżati mill-akkużat. Illi fid-difiża tiegħu, l-akkużat jagħmel referenza għal serje ta' messaġġi li għaddew bejnu u bejn il-parte ċivile fil-mumenti ta' qabel ma seħħ l-inċident u jgħid illi huwa kien provokat iwettaq dan l-inċident. Illi l-Qorti qrat bir-reqqa dawn il-messaġġi u ma tistax taqbel mat-teżi promossa mid-difiża. Fl-ewwel lok, għalkemm il-messaġġi juru diverbju u stedina

għall-ġlied miż-żewġ protagonisti, dawn il-messaġġi ma jissodisfawx l-estremi ġudizzjarji tal-provokazzjoni, ossija li f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunx kapaċi jqis il-konsegwenzi tad-delitt.[24]

Illi di più, ġie ppruvat ukoll mix-xhieda tal-parte ċivile illi fit-twettiq tal-agressjoni, l-akkużat kellu f'idejħ mus ta' madwar erba jew ħamest' iswaba. Di più, jirriżulta mir-rapport tat-tabib forensiku Dr. Mario Scerri illi l-laċerazzjoni f'din il-widna kienet magħmulha minn strument li jaqta'. Illi l-Qorti ssib illi l-akkużat wettaq il-ġerħa f'widnet il-parte ċivile permezz ta' strument li jaqta'.

Illi l-Artikolu 221(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola żieda fil-piena meta d-delitt isir *inter alia*, bi strument li jaqta', ai termini tal-Artikolu 217 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'hekk, il-Qorti qed issib lill-akkużat ħati ta' din l-ewwel akkuża iżda mhux ta' ġrieħi ta' natura gravi kif kontemplat fl-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda tal-verżjoni inqas gravi tiegħu, ossija feriti ta' natura ħafifa, ai termini tal-Artikolu 221(1) kif aggravat bis-subinċiż (2) tiegħu.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni akkuża miġjuba fil-konfront tal-imputat hija li fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, żamm u ġarr strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissajru tal-Pulizija u dan ai termini tal-Artikoli 6 u 51 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta kif indikati mill-Avukat Ġenerali.

---

[24] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martina Galea**, Qorti tal-Appell Kriminali, 14 ta' Jannar, 1986 (Vol. LXX.v.604)

Illi l-Qorti tqis li għalkemm ma saritx prova tad-daqs tax-xafra li kien qed iġorr fuqu l-akkużat fil-ħin li wettaq id-delitt, żgur li tali xafra m'huwiex l-għan tagħha li tintuża biex tattakka persuni oħra.

Din l-osservazzjoni qed issir min-naħa l-waħda fid-dawl tax-xhieda mogħtija mill-parte ċivile fejn qal li l-akkużat kien qed iġorr mus li x-xafra tiegħu kienet bejn erba jew ħamest' iswaba, u min-naħa l-oħra fid-dawl li l-laċerazzjoni seħħet bi strument li jaqta'. L-artikolu 7(a) tal-Kap. 480 jistabilixxi eċċezzjoni għall-projbizzjoni ġenerali li ħadd m'għandu jġorr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mill-Kummissarju fir-rigward ta' (i) mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad **u** (ii) li jista' raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus.

Illi fil-każ odjern, minkejja li ma ġiex stabbilit id-daqs tax-xafra, żgur li ma jistax jingħad li l-mus kien qed jinġarr bil-għan li jsir użu minnu skont dak li s-soltu jsir. B'hekk, ladarba dan it-tieni element tal-eċċezzjoni m'huwiex sodisfatt, din l-eċċezzjoni m'hijiex applikabbli.

Illi ma tressqet ebda prova quddiem din il-Qorti illi l-akkużat kien fil-pussess ta' liċenzja maħruġa mill-Kummissajru tal-Pulizija fil-mument li kien qed iġorr l-imsemmi mus u b'hekk, din it-tielet akkuża ġiet sodisfaċentement ipprovata sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat;

Illi t-tielet akkuża hija li fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna ta' Gerson Portelli kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari kif riportat fl-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif hawn fuq diġà spjegat, ġie provat sal-grad rikjest mil-liġi illi waqt li l-akkużat wettaq reat kontra l-persuna tal-parte ċivile, kellu fil-pussess tiegħu mus. Ma tressqet ebda prova li turi li l-ġarr ta' din l-arma kien bi skop leġittimu u b'hekk, għar-raġunijiet sopra esposti, il-Qorti hija sodisfatta li anke din ir-raba' akkuża ġiet suffiċjentement ipprovata.

Ikkonsidrat;

Illi dwar ir-raba' u l-ħames imputazzjoni mogħtija fil-konfront tal-imputat, l-Avukat Ġenerali ma ndikax l-artikoli ad validatem ai termini tal-liġi u b'hekk din il-Qorti ser tiskarthom.

Ikkonsidrat;

Illi dawn ir-reati twettqu qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XIII tal-2018 u l-Att XXXII tal-2018. Fiż-żmien meta seħħ ir-reat, l-Artikoli 221(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kienu jaqraw hekk:

> "***221.*** *(1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa.*
>
> *(2) Meta l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu217, il-piena tkun ta' priġunerija għal żmien minn xahrejn sa sena."*

Illi l-piena għal dawn ir-reati fiż-żmien li twettqu kienet aktar miti mill-piena li jipprovdu dawn l-artikoli llum-il ġurnata. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 27 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ġustament ikkwotat mill-Avukat Ġenerali, il-Qorti għandha tapplika f'dan il-każ il-piena l-aktar miti a favur tal-akkużat.

Illi di più, f'dan il-każ, il-Qorti ordnat illi jsir "Social Enquiry Report" fuq talba tad-difiża stess. Minn dan ir-rapport jirriżulta li l-akkużat għandu xi diffikultajiet personali u soċjali li jixtieq jegħleb u anke kien rikoverat diversi drabi b'mod volontarju f'istituzzjoni medika. Jirriżulta anke mix-xhieda tat-tabib psikjatra kuranti tiegħi Dr. Kris Sant illi l-akkużat ibagħti minn ansjetà

u ġieli jirrikorri għall-abbuż mid-droga. Filfatt, waħda mill-konklużjonijiet kemm tas-Social Enquiry Report kif ukoll tal-psikjatra Dr. Sant hija li l-akkużat isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga fuq bażi residenzjali. Mix-xhieda mogħtija jirriżulta illi l-akkużat jixtieq li jgħin lilu nnifsu però għad m'għandux dik is-saħħa interna li jibda programm residenzjali għar-rijabilitazzjoni tad-Droga. Il-Qorti

Il-Qorti tqis li fil-konfront tal-akkużat, piena karċerarja m'hijiex waħda mixtieqa f'dan l-istadju u dan għax aktar jidher li jibbenefika minn gwida f'ħajtu, li tista' tingħata biss mill-uffiċjali tal-probation, u minn programm residenzjali li jgħinu jindirizza u jegħleb id-diffikultajiet personali u karatterjali tiegħu.

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 8, 11, 14, 16, 17, 19, 22, 23 27, 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(ċ)(d)(2), 217, 221(1)(2), 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 6, 51 u 55(a) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil Maverick Azzopardi **ħati** tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu b'dan illi l-ġrieħi kkawżati huma ta' natura ħafifa u wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tordna lil Maverick Azzopardi jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation għall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum u dan skond il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar li jinftiehem x'inhuma l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tad-Digriet mogħti kontestwalment u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, huwa jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom tkun instab ħati.

In oltre, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda wkoll tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-akkużat ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu sakemm jintemm b'suċċess il-programm residenzjali għar-riabilitazzjoni mid-Droga, kif ukoll għal kura psikjatrika taħt it-tmexxija ta' Dr. Kristian Sant u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza;

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Gerson Portelli għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna lill-akkużat iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali s-somma komplessiva ta' elfejn, erba' mija u sitta u sittin Ewro u għaxar ċenteżmi (€2,466.10) rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri kif ukoll fl-*in genere*.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tad-Digrieti mogħtija kontestwalment lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tal-Probation and Parole.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**